# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Kumpilazzjoni Nru 1096/2013**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alfred Vella**

**Illum, 1 ta' April, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Alfred Vella, detentur tal-karta tal-identità 348742M, li permezz taghha gie akkuzat talli bejn nhar il- 21 ta' Settembru, 2013, u 22 ta' Settembru, 2013, gewwa Triq iz Zonqor, Santa Venera, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli ta' Jesmond Montanaro, detentur tal-karta tal-identità 69267M, u cioè vettura tal-ghamla Opel, bin-numru ta' registrazzjoni MON 149, liema hsara tammonta ghal 331.59 li dan l-ammont huwa aktar minn Euros 116.47, izda anqas minn Euros1164.67, (Art.325 Kap.9).

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza;

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat li din il-Qorti hekk kif ippreseduta, giet ezentata milli terga' tisma' l-provi mill-gdid;

Rat il-filmat kontenut f'Dok SM2 fil-prezenza tal-imputat, tal-legali tieghu u tal-Ufficjal Prosekutur;

Semghet trattazzjoni finali;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Dan il-kaz jirrigwarda rapport li ghamel Jesmond Montanaro peress li nstabu zewg barxiet/grif mal-vettura proprjetà tieghu, tal-marka Opel bin-numru ta' registrazzjoni MON 149. Da parti tieghu, l-imputat fl-istqarrija li rrilaxxa mal-Pulizija, dejjem cahad li huwa ghamel xi hsara f'din il-vettura.

Il-Qorti qieset li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, hija dik ta' hsara volontarja. Din il-Qorti, wara li fliet il-provi kollha prodotti, tqis li gie ppruvat li l-imputat ikkaguna hsara lill-vettura in kwistjoni. Dana ghas-segwenti ragunijiet:

i. Mill-filmati ezebiti, jidher ragel miexi lejn il-vettura in kwistjoni, jersaq qribha waqt li jkun miexi, jaghmel manuvra matul il-mixi tieghu waqt li jkun qed imiss ma' din il-vettura, u mbaghad waqt l-istess mixi tieghu, jerga' johrog iktar 'il boghod mill-vettura, filwaqt li jibqa' ghaddej imbaghad iktar 'il boghod mill-vetturi l-ohra li jkun hemm ipparkjati;
ii. Mill-filmati ezebiti, jidher li dan l-istess ragel, ikun miexi f'distanza ftit 'il boghod mill-vetturi parkeggjati, izda mbaghad waqt l-istess mixi tieghu, jersaq u jmiss il-vettura mertu ta' dan l-incident, u mbaghad ikompli jimxi f'distanza ftit 'il boghod mill-vetturi pparkeggjati;
iii. Mill-filmati ezebiti ma jidhirx li kien hemm xi raguni partikolari li kkonstringiet lil dan ir-ragel (bhal per ezempju xi persuna ohra miexja fuq l-istess bankina) jersaq qrib, u jmiss din il-vettura pparkeggjata;
iv. Mill-filmati ezebiti, jidher li dan ir-ragel resaq u mess mal-partijiet fil-karozza pparkeggjata, li mbaghad fuqhom nstab il-brix;
v. Mill-filmati ezebiti, jidher in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura mertu ta' dan l-incident, u l-Prosekuzzjoni ressqet xhieda, fis-sens li din kienet proprjetà ta' Jesmond Montanaro;
vi. Mix-xhieda ta' Jesmond Montanaro, irrizulta wkoll li l-vettura ma kellhiex grif/brix fuqha, meta thalliet ipparkeggjata fil-21 ta' Settembru 2013;
vii. Il-persuna responsabbli li elevat dan il-filmat, ukoll tressqet bhala xhud f'dawn il-proceduri, u in fatti, Wayne Valentine xehed fis-sens, li dan il-filmat gie migbud minn CCTV, li hemm sitwati mal-binja tal-MITA. Ikkonferma wkoll li l-istills ezebiti fl-atti processwali, gew imnizzla mill-istess filmat. Valentine kkonferma wkoll li meta raw il-filmati kollha, kien dak il-hin partikolari li jidher fil-filmat ezebit, li fih kien hemm attività vicin il-karozza in kwistjoni;
viii. Jesmond Montanaro gharaf lir-ragel li giref il-vettura tieghu bhala l-imputat, u l-istess imputat ikkonferma wkoll l-identità tieghu waqt l-istqarrija, kif ukoll fix-xhieda viva voce li ta, ghalkemm baqa' jichad li huwa b'xi mod, ikkaguna xi hsara fuq il-vettura ta' Montanaro. Joanne

Montanaro ukoll gharfet ir-ragel li jidher fil-filmat ezebit bhala l-imputat;

ix. L-imputat ikkonferma wkoll, li huwa dejjem ikun miexi bic-cwievet f'idejh.

Madanakollu mill-assjem tal-provi, ghalkemm din il-Qorti hija konvinta li l-hsara li garrbet il-vettura in kwistjoni, saret mill-imputat, din il-Qorti trid tezamina jekk dik il-hsara saret volontarjament jew le, cioè jekk l-imputat kellux l-intenzjoni li b'ghemilu jgharraq hwejjeg haddiehor.

In fatti, il-Qorti tqies li mix-xhieda tal-imputat, huwa kellu xi problemi f'saqajh, u ghalhekk jista' jkun li kien minhabba dan, li huwa resaq iktar qrib lejn il-karozza mertu ta' dan l-incident. Illi fil-fehma tal-Qorti, mill-provi prodotti, din l-intenzjoni ma gietx ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Bejn is-sid tal-vettura u l-imputat, ma rrizulta li kien hemm l-ebda dizgwid. Il-Qorti hija tal-fehma li dak li wassal biex giet ikkawzata il-hsara, kien traskuragni u nuqqas ta' attenzjoni, peress li l-imputat spicca mess mal-vettura pparkeggjata, minflok baqa' miexi minghajr ma jmiss mal-vetturi.

F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-20 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spt. Bernard Charles Spiteri) vs Roxanne Callus, fejn intqal li:

> *"Dwar l-ewwel parti tal-aggravju għandu jingħad li l-imputazzjoni kienet li l-appellanti: 'għamlet ħsara volontarjament billi ħassret u għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor.' Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati qalet hekk: 'Għal dawn il-mottivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputata ħatja skont l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, minflok issibha ħatja tar-reat minuri, kompriż u involut firreat lilha imputat, u cioe' ta' ħsara involontarja ai termini tal-artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta...' Fil-fehma ta' din il-Qorti ir-reat ta' ħsara involontarja huwa kompriż u involut fir-reat ta' ħsara volontarja. Għandek l-istess element materjali fiż-żewġ reati waqt li l-intenzjoni hija differenti. Fl-ewwel każ, il-ħsara tkun saret apposta waqt li fit-tieni każ, il-ħsara tkun waħda involontarja. Żgur li r-reat ta' ħsara involontarja huwa wieħed iżgħar minn dak ta' ħsara volontarja u għandu x'jaqsam fin-natura mar-reat ta' ħsara volontarja. Mhux bħal, biex wieħed jagħti eżempju, id-differenza li hemm bejn ir-'ragion fattasi' u s-serq. Ma jistax ir-reat ta' ragion fattasi jissostitwixxi dak tas-serq jew viċi versa għaliex dawn iż-żewġ reati huma totalment differenti kemm mil-lat materjali kif ukoll mil-lat intenzjonali. Imma mhux hekk fil-każ bejn ħsara volontarja u ħsara involontarja għaliex it-tieni reat huwa kompriż u involut fl-ewwel reat."*

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati ta' hsara involontarja ai termini tal-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, u l-fedina penali tieghu li hija netta.

**Decide**

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati skont l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, minflok issibu hati tar-reat minuri, kompriz u involut fir-reat lilu imputat, u cioè ta' hsara involontarja ai termini tal-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.**

**In oltre, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qieghda tordna lill-hati jhallas lil Jesmond Montanaro, is-somma ammontanti ghal tliet mija u wiehed u tletin Ewro u disgha u hamsin centezmi ta' Ewro (€331.59c), rapprezentanti l-ammont ta' hsara kkagunata fuq il-vettura in kwistjoni.**

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur